**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
(Spettur Omar Zammit)

***Vs.***

**Godwin Tabone**

Illum 08 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Godwin Tabone** ta' 36 sena, iben Godwin u Elisabeth xebba Ancilleri, mwieled Fgura nhar 01 ta' Dicembru 1987, residenti 51, Vjal Kottoner, Fgura u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 561887M;

Akkuzat talli nhar 07 ta' Settembru 2024 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel, f'diversi hinijet differenti gewwa diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil **Sefora Tabone (konjuga ta' qabel tieghu)** biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontra l-konjugi ta' qabel u/jew fil-prezenza ta' minuri u dan bi ksur ta' artikoli 251B (1); 251B (2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

2. Ikkaguna biza' lil **Sefora Tabone (konjuga ta' qabel tieghu)** li ser tintuza vjolenza tagghom jew kontra l-propjeta tagghom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet liema delitt twettaq kontra l-konjugi ta' qabel u/jew fil-prezenza ta' minuri dan bi ksur ta' artikoli 251(3); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe letter box ta' Sefora Tabone fejn l-ammont ma jiskorrix l-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur ta' artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

4. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

5. Ghamel ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil **Sefora Tabone** u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodici Kriminali;

6. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded lil Sefora Tabone li ser jaghmel xi reat u/jew ghamel uzu mhux xieraq bih u dan bi ksir ta' artikolu 49(a)(c) tal-Kap 399 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Godwin Tabone** ghall-beneficcju ta' **Sefora Tabone** dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' **Sefora Tabone,** dan u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna thallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha migjuba.

Rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, liema ammissjoni giet registrata fis-seduta tal-lum stess;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tal-lum stess;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi tal-ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor:**

L-imputat gie imressaq il-Qorti wara illi fuq dizgwid mal-ex-mara tieghu huwa spicca ta daqqa ta' ponn fuq il-letterbox li tinsab fis-sular fl-entratura tal-blokk li fih tirrisjedi l-vittma. Gie spjegat illi l-vittma tirrisjedi fis-sular ta' fuq tal-imsemmi blokk u ma kinitx prezenti fil-hin li sehh il-kaz. Il-vittma ghamlet rapport l-Ghassa li wassal sabiex l-akkuzat ikun imressaq bl-akkuzi odjerni.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat gie imressaq b'arrest u waqt is-seduta tal-lum stess, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi l-imputat iddikjara ruhu hati tal-akkuzi migjuba kontrih u seduta stante wara li l-Qorti spjegatlu l-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-

konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-istess, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, u c-cirkostanzi tal-kaz.

U wara li rat l-Artikoli 15A, 49, 50, 251B (1); 251B (2); 251H; 251HA u 202(h), 251(3); 251H; 251HA u 202(h), 325(1)(c), 338(dd), 339(1)(e) 382A, 383, 384, 385, u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat **Godwin Tabone HATI**, fuq l-amissjoni inkondizzjonata tieghu stess, tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, il-Qorti tqis illi piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja f'dan il-kaz u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-hati **Godwin Tabone** taħt **Ordni ta' Probation** għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Godwin Tabone jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordni hija

soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati Godwin Tabone bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, u cioe l-konsegwenzi li jista' jsofri f'każ li huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Godwin Tabone. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bl-andament tal-ħati kull xahrejn (2).

Il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-istess Artiklu qegħda tpoġġi lill-hati **Godwin Tabone** taħt **Ordni ta' Trazzin** għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Godwin Tabone jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet

elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-istess Artiklu qegħda tpoġġi lill-hati **Godwin Tabone** taħt **Ordni ta' Protezzjoni** u favur il-vittma Sefora Tabone bin-numru tal-Karta tal-Identita 470594M, għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti qeghda wkoll tohrog **Ordni ta' Pagament** taht l-Artiklu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-hati Godwin Tabone jikkumpensa lill-vittma tal-imsemmi reat taht l-Artiklu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-istess Sefora Tabone u dan fl-ammont ta' hamsin Ewro (€50)[1] rapprezentanti l-ammont ta' hsara sofferta mill-vittma[2], li ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

Il-Qorti spjegat lill-hati Godwin Tabone fi kliem car din is-sentenza kif ukoll l-imsemmija Ordnijiet wahda wahda, liema Ordnijiet jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza, kif ukoll l-obbligi tieghu taht l-istess Ordnijiet u l-istess sentenza, u l-konsegwenzi ta' l-istess u x'jigri f'kas illi hu ma jonorax l-istess.

---

[1] L-ammont jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni fil-verbal tas-seduta tal-lum a folio 4 u 5 tal-process.

[2] Spejjez tal-letterbox.

Il-hati Godwin Tabone jiddikjara li fehem din is-sentenza u l-istess Ordnijiet, u l-konsegwenzi tal-istess, l-obbligi tieghu taht l-istess sentenza u l-imsemmija Ordnijiet u x'jigri f'kaz illi huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht l-imsemmija Ordnijiet u l-istess sentenza.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Victor Deguara
Deputat Registratur